**30 ta' Novembru, 1964**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Maria mart Filippo Debono et.

*versus*

Filippo Debono et.

**APPELL MIL-QORTI TA' GĦAWDEX — VALUR—KOMPETENZA**

*L-kwistjoni tal-valur għal-finijiet tal-kompetenza għandha ovvjament tiġi elatata għal-meritu prinċipali ta' dik il-kawża, ċioe tal-domanda jew domandi ta' l-atturi miġburin fiċ-ċitazzjoni tagħhom — kombinati sa fejn hu meħtieġ, ma l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.*

Il-Qorti, Rat l-att ta' ċitazzjoni presentat fit-tlettax (13) ta' Marzu, 1963 fil-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, li bih l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress li b'att tan-Nutar Giuseppe Grima tal-erbgħa (4) ta' Marzu, 1869 il-fond numru 5 (illum numru 6) Piazza Chiesa, Nadur, kien ġie konċess mill-Knisja Parrokkjali tan-Nadur in enfitewsi temporanea għal disgħa u disgħajn sena mill-ħdax (11) ta' Novembru, 1868, u, permezz ta' diversi trasferimenti, dan l-utili dominju temporaneu għadda fit-totalita tiegħu għand Giuseppe Camilleri, missier l-attriċi u oħtha Teresa Manders awtriċi tal-attur; u peress li fil-kors ta' din il-konċessjoni, b'att tal-erbgħa (4) ta' Frar, 1926, tan-Nutar Francesco Gauci, l-istess Knisja Parrokkjali tan-Nadur ikkonċediet l-istess fond lill-attriċi in enfitewsi għal-mija u ħamsin sena minn dik in-nhar stess; u peress li dan ma setgħax isir mingħajr rinunzja da parti ta' Giuseppe Camilleri għad-drittijiet tiegħu sal-1967, u għal istess Giuseppe Camilleri, il-kuntratt tal-1926 kien 'res inter alios acta' u ma setgħa bl-ebda mod jippreġudikah; u peress li Giuseppe Camilleri miet f'Settembru, 1933 u ħalla eredi tiegħu lill-attriċi u lill-Teresa Manders, u din fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar, 1955, fl-atti tan-Nutar Dr. Alexander Grech, ċediet u ttrasferiet lill-attur il-kwota ereditarja lill-ha spettanti mis-suċċessjoni tal-ġenituri tagħha, ċioe Giuseppe Camilleri u martu — U peress li nonostanti l-kuntratt tal-1926 l-utilisti tal-fond imsemmi għadhom sal-lum iż-żewġ atturi, u għalhekk kienu huma l-utilisti meta sar

l-irkupru mill-attriċi li fuqu hemm il-kawża Debono vs. Camilleri (Citaz. Nru. 14/1949) imsemmija fid-dikjarazzjoni; u peress li fis-sittax (16) ta' Frar, 1962 fl-atti tan-Nutar Mario Bonello il-konvenut Filippo Debono, bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti bejnhu u martu l-attriċi biegħ lill Carmela mart Salvatore Vella, konvenuta, l-utili dominju temporaneu tal-fond kif konċess lill-martu fl-1926, billi hu ppretenda li in forza ta' din l-aħħar konċessjoni l-fond kien jappartieni sa mil-1926 lill-komunjoni tal-akkwisti li tagħha hu kap; u peress li l-atturi jridu u għandhom interess li jkun hemm definizzjoni ġudizzjarja ta' dawn il-kontroversji, talbu li jiġi dikjarat u deċiż minn dik il-Qorti li l-kuntratt ta' enfitewsi temporanea tal-fond illum numru 6 (ġia numru 5) Piazza Chiese sive Piazza S. Pietru Pawl, Nadur, pubblikat min Nutar Giuseppe Grima fl-erbgħa (4) ta' Marzu, 1869, għadu in vigore inattiża l-konċessjoni enfitewtika tal-istess fond li saret fl-erbgħa (4) ta' Frar, 1926, fl-att tan-Nutar Francesco Gauci; (2) li l-utili dominju temporaneu tal-istess fond, meta saret mill-attriċi ċ-ċedola ta' rkupru tat-tmientax (18) Awwissu, 1958 li bih hi rkuprat il-fond 7/8 Piazza Chiesa, sive Piazza San Pietru Pawl, Nadur, ma kienx jappartieni lill-kommunjoni tal-akkwisti bejn Filippo u Maria Debono, iżda kien jappartieni indiviżament lill-atturi u, kwantu għall-attriċi il-kwota tagħha indiviża kienet parafernali; (3) li l-kuntratt tal-erbgħa (4) ta' Frar, 1926 fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci jista jkollu biss effett wara li jagħlaq iż-żmien tal-konċessjoni oriġinali tal-1869, u ċioe wara l-ħdax (11) ta' Novembru, 1967, u talbu fl-aħħarnett (4) li l-konvenuti Carmela u Salvatore konjuġi Vella jiġu min dik il-Qorti kkundannati li jirrilaxxjaw favur l-atturi l-pussess tal-fond imsemmi, salv kwalunkwe dritt li jista jkollhom wara l-ħdax (11) ta' Novembru, 1967 in forza tal-kuntratt tas-sittax (16) ta' Frar, 1962 bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Filippo Debono, Kanoniku Dekan Francesco Camilleri nomine, u ta' Rosa mart Michele Galea proprio et nomine, fejn kollha opponew il preskrizzjoni akkwisitiva triġenarja.

Rat in-nota ta' Filippo Debono tas-sitta (6) ta' Mejju, 1963, u dik tal-Kanoniku Dekan Francesco Camilleri nomine u ta' Rosa Galea proprio et nomine, tas-sitta (6) ta' Mejju 1963 ukoll, li bihom irrinunzjaw u ddikjaraw li ma jinsistux iżjed fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni triġenarja minnhom sollevata.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Filippo Debono presentata fl-ewwel (1) ta' Ottubru, 1963, fejn dana rriserva li jerġa jagħti meta jkun hemm lok l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni triġenarja għal-kemm nomentaneament rinunzzjata.

Rat il-verbal tal-istess data fejn id-difensur tal-atturi oppona ruħhu għar-riserva kontenuta f'dik in-nota dwar l-għoti mill-ġdid tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni triġenarja.

Rat in-nota tal-konvenut Filippo Debono datata għaxra (10) ta' Ottubru, 1963 fejn qal li, billi hu ma awtorizzax lid-difensur tiegħu jirrinunzja għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni triġenarja ġja minnu mogħtija, jiddikjara għal kull fini tajjeb, u speċjalment għall-fini tal-art. 695 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili li hu jirtira l-istess rinunzja u jinsisti għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni triġenarja.

Rat in-nota tal-Kanoniku Dekan Don Francesco Camilleri nomine datata għaxra (10) ta' Ottubru, 1963 fejn qal ukoll li, billi hu ma awtorizzax id-difensur tiegħu jirrinunzja għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni triġenarja ġja minnu

mogħtija, jiddikjara li jirtira l-istess rinunzja, skond l-art. 695 Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u jinsisti fuq l-eċċezzjoni oriġinali tal-preskrizzjoni triġenarja.

Rat id-deposizzjonijiet tal-konvenut Filippo Debono, ta' Dottor Giuseppe Pace, tal-Kanoniku Dekan Don Franġisk Camilleri, u ta' Dottor Albert Mercieca dwar l-inkariku mogħti mill-klienti lid-difensuri rispettivi tagħhom għall-għoti tal-eċċezzjoni oriġinali tal-preskrizzjoni triġenarja u għar-rinunzja għall-istess eċċezzjoni.

Rat in-nota ta' osservazzjoni tal-attriċi Maria Debono tad-disgħa (9) ta' Ġunju, 1964 u dik responsiva tal-konvenut Filippo Debono tas-sbatax (17) ta' Ġunju, 1964, dwar il-punt sollevat, ċioe jekk tistax terġa tiġi avanzata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni triġenarja wara li kienet ġiet mill-konvenuti rinunzjata.

Rat id-deċiżżjoni ta' dik il-Qorti tat-tlettin (30) ta' Ġunju, 1964 li biha ddeċiedit illi l-konvenuti huma fid-dritt li jerġgħu javanzaw l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni triġenarja, ġja minnhom mogħtija u ritirata, bl-ispejjeż ta' dana l-inċident kontra l-attriċi Maria Debono, wara li kkunsidrat:—

. . . omissis . . .

Rat in-nota li biha l-atturi appellaw minn dik id-deċiżżjoni u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li tiġi revokata u jiġi deċiż illi l-konvenuti Filippo Debono u Kanoniku Dekan Francesco Camilleri ma jistgħux jerġgħu javanzaw l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni triġenarja minnhom rinunzjata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.

Rat ir-risposta ta' Filippo Debono li biha qal, l-ewwel-

nett, illi l-appell ta' l-attur hu rritu u null għax messu sar quddiem il-Qorti ta' Għawdex Superjuri Ċivili bħala tat-Tieni Istanza, u, subordinatament, illi d-deċiżżjoni appellata hi ġusta u tisthoqq konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari tan-nullita ta' l-appell u fuqha kkunsidrat:—

L-appellat Filippo Debono jippretendi illi l-appell messu sar quddiem il-Qorti ta' Għawdex Superjuri Ċivili bħala Qorti ta' Tieni Istanza għaliex "il-valur tal-kap uniku appelat sata jiġi stabbilit u ma jaqbisx is-somma ta' mitt lira (£100)." Din il-pretensjoni hi bażata fuq il-fatt illi, skond l-istima, il-valur ta' l-utili dominju tal-fond in kwistjoni għaż-żmien li (meta saret l-istima) kien baqa mill-konċessjoni oriġinali (ċioe sal-11 ta' Novembru, 1967) hu erbgħa u sittin lira (£64).

Fil-fehma tal-Qorti din il-pretensjoni ma hiex fondata.

Għall-mument, il-kwistjoni li ġiet appellata lil din il-Qorti hi biss, jekk l-appellati Debono u Camilleri jistgħux. wara li huma, jew l-avukati tagħhom, kienu irtiraw eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġa minnhom sollevata jergħu jissollevawha. L-ewwel Qorti ddeċidiet din il-kwistjoni f'sens affermattiv: L-appellanti issa qegħdin jitolbu bl-appell illi dik id-deċiżżjoni tiġi revokata u li jiġi deċiż li l-appellati Debono u Camilleri ma jistgħu fiċ-ċirkostanzi fuq imsemmija jerġgħu javanzaw dik l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Kieku, għall-finijiet tal-valur li minna tiddependi l-kompetenza, wieħed kellu jħares biss lejn il-kwistjoni fuq im-

semmija li tifforma l-meritu ta' l-appell preżenti, wieħed kien ikollu manifestament jgħid illi, fiha nnifisha, bħala kwistjoni esklużivament legali, hi ma hijiex ta' valur determinabbli: u l-appell kwindi, skond l-artikolu 5(1) jmiss lil din il-Qorti.

Iżda, sintendi, dana ma hux il-kriterju li għandu jiġi adoperat. F'dan l-appell si tratta biss ta' inċident fil-kors tal-kawża u l-kwistjoni tal-valur, għall-finijiet tal-kompetenza, għandha ovvjament tiġi relatata għall-meritu prinċipali ta' dik il-kawża, ċioe tad-domanda jew domandi ta' l-atturi miġburin fiċ-ċitazzjoni tagħhom — kombinati sa fejn hu meħtieġ, ma l-eċċezzjoni ta' l-istess appellati.

Fiċ-ċitazzjoni l-appellanti kienu talbu, fost domandi oħra, li, fl-ewwel lok, jiġi deċiż illi l-kuntratt tal-konċessjoni oriġinarja ta' l-enfitewsi tal-fond in kwistjoni baqa u għadu fis-seħħ nonostanti l-konċèssjoni enfitewtika li reggħet saret fl-1926. Talbu wkoll li jiġi dikjarat illi din it-tieni konċessjoni għandu jkollha effett, mhux minn meta saret fl-1926; iżda biss minn meta tagħlaq il-konċessjoni oriġinarja ċioe wara l-ħdax (11) ta' Novembru, 1967.

Dana jfisser, fil-fehma tal-Qorti bl-akbar evidenza, illi ciak li hu in kwistjoni fil-kawża, ċioe l-meritu involut, hija l-pertinenza ta' l-utili dominju tal-fond għaż-żmien kollu mill-1926 sat-terminazzjoni tal-konċessjoni oriġinarja ċioe sa' l-1967.

Bid-domandi tagħhom l-appellanti jippretendu u talbu li jiġi dikjarat illi l-utili dominju, li sa l-1926 kien ta' l-awtur tagħhom, baqa tiegħu u eventwalment sar tagħhom, għad illi f'dik is-sena saret konċessjoni ġdida favur (kif jippretendi l-istess appellat Debono) il-komunjoni ta' l-akkwisti bejnu u bejn martu. Skond l-appellanti, id-drittl-

jiet tagħhom fuq dak l-utili dominju ma ġewx mittiefsa bil-kuntratt ta' l-1926.

Appuntu għaliex skond iċ-ċitazzjoni tagħhom, l-appellanti jsostnu illi l-utili dominju baqa fis-seħħ in forza tal-konċessjoni oriġinarja, nonostanti l-konċessjoni l-oħra ta' l-1926, huma talbu wkoll, fit-tieni domanda, kontenuta fiċ-ċitazzjoni, biex jiġi ddikjarat li dak l-utili dominju kien jappartjeni lilhom fit-tmientax (18) ta' Awissu, 1958 meta l-appellanti Maria Debono għamlet iċ-ċedola ta' rkupru hemm imsemmija.

Il-meritu tal-kawża, għalhekk, u d-domandi ta' l-appellanti, ma jinvolvux biss, kif jippretendi l-appellat Debono għall-finijiet tal-eċċezzjoni preġudizzjali tiegħu, l-appartenenza ta' l-utili dominju għaż-żmien li kien baqa għat-terminazzjoni ta' l-enfitewsi oriġinarja meta saret l-imsemmija stima, iżda, kif ġa ntqal, jinvolvu l-appartenenza ta' dak l-utili dominju għaż-żmien kollu sa mill-1926 u zgur sa mill-1958.

Skond l-imsemmija stima, il-valur ta' l-utili dominju għal tlett snin u erba' xhur, huwa erbgħa u sittin lira (£64). Jekk stess wieħed iqis iż-żmien mit-tmientax (18) ta' Awissu, 1958 sat-terminazzjoni ta' l-enfitewsi oriġinarja fl-1967, ċioe perijodu ta' kważi disgħa snin, il-valur, għabbażi ta' dik l-istima, hu diġa manifestament wisq aktar minn mitt lira (£100). Aħseb u ara jekk wieħed iqis, kif għandu, iż-żmien kollu mill-1926.

L-appell sar kwindi sewwa quddiem din il-Qorti.

Għalhekk il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni kuntrarja ta' l-appellat Debono bl-ispejjeż kontra tiegħu u tordna t-trattazzjoni ulterjuri ta' l-appell.